Avviż Numru CCT 98/10

**Noel Grech**

**vs**

**Golddigger Co. Ltd.**

Illum 28 ta' Marzu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Marzu, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u tmienja w erbgħin ewro u ħamsin ċenteżmi (€148.50), kif ukoll spejjeż rappreżentanti prezz ta' boots li kellu *damage*.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendietx għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huma xtraw boots mingħand id-ditta intimata u l-għada l-mara ndunat li dan il-boots kellu xi *damage*. L-għada r-rikorrenti ħadu l-boots u l-irċevuta fiskali lura għand tal-ħanut. Ir-rikorrenti ġew infurmati li jistgħu jingħataw *credit note* biex jagħżlu xi ħaġ'oħra, liema *credit note* r-rikorrenti m'aċċettawx.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet bil-miktub fejn ikkonfermat li l-boots kien inxtara minn għandhom, pero' għandhom il-policy li jagħtu *credit note*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, u jinnota li s-soċjeta' intimata debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejħa tliet darbiet baqgħet ma dehrietx għas-seduta.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mija u tmienja w erbgħin ewro u ħamsin ċenteżmi (€148.50), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**